TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 329

Kaz Nru. 474

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Marisa Theuma

u

Sportiva Limited kif rapprezentata mis-sur George Eutermoser
Mis-27 ta' Jannar giet rapprezentata mis-sur John Attard bhala Likwidatur

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data : 12 ta' Mejju, 1989

Chairman : Dr. Richard Camilleri LL.D., LL.M. (Lond)

I PRELIMINARI

Illi permezz ta' ittra tas-16 ta' Settembru, 1988, l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali rrefera dan il-kaz ghad-decizjoni tat-Tribunal.

Illi ghall-appellanta deher is-sur Alfred Mangion u ghall-kumpanija appellata l-ewwel deher is-sur Andrew Zammit u sussegwentement wara li l-kumpanija marret in likwidazzjoni deher il-likwidatur is-sur John Attard.

Illi l-appellanta pprezentat 'statement of case' li bih qed tallega li t-tkeccija taghha mill-impieg hi ngusta. Il-kaz

jikkoncerna zewg ggieket li fuqhom twahhlu 'snaps' f'post hazin. L-appellanta qed tghid li ma kienx hemm provi sufficenti li jindikaw li hi ghamlet dak ix-xoghol. L-appellanta talbet li dan it-Tribunal jordna li d-dikjarazzjoni ta' tkeccija ta' l-appellanta tigi mhassra; li l-appellanta tinghata l-paga shiha li tilfet; kif ukoll il-bonus statutorju, bl-imghaxxijiet legali dovuti mid-data tat-temm tal-impieg taghha fit-28 ta' Gunju, 1988 sal-31 ta' Awissu, 1988 meta hi sabet impieg iehor u ghaldaqstant m'ghadhiex aktar interessata li tinghata l-impieg taghha lura; li l-appellanta tinghata pagament flok in-'notice' ta' temm tal-impieg skond il-ligi; li l-kumpanija thallas il-parti dovuta minnha bhala hlas tas-sigurta nazzjonali ghall-perjodu in kwistjoni; li l-appellanta ti tinghata mill-kumpanija certifikat nadif ta' temm tal-impieg:

Illi l-kumpanija appellata pprezentat ukoll 'statement of case' u qed tallega li z-zewg ggieket in kwistjoni gew irvinati mill-appellanta u mhux bi zball izda intenzjonalment.

Illi t-Tribunal wara li kkunsidra l-atti kollha tal-kaz u wara li sema' l-provi kollha kif ukoll is-sottomissjonijiet finali bil-miktub u Verbali tal-partijiet jinsab fil-posizzjoni li jiddeciedi dan il-kaz kif ser jinghad.

<u>II PROVI</u>

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi:-

1. L-appellanta kienet impjegata bhala 'Hand worker' mal-kumpanija appellata mit-13 ta' Lulju, 1987. Il-kumpanija appellata topera fabbrika li timanifattura hwejjeg. Fit-

28 ta' Gunju, 1988 instabu zewgt iggieket irvinati peress li kellhom 'snaps' imwahhlin f'partijiet fejn mhux suppost ikun hemm snaps. Il-kumpanija kecciet lill-appellanta ghaliex allegat li kienet l-appellanta li wahhlet dawn li 'snaps' u dan mhux bi zball izda intenzjonalment.

2. Ix-xoghol tal-appellanta kien li twahhal 'snaps' fuq ggieket. Fil-gurnata in kwistjoni kien hemm hi u impjegat iehor li kienu qed iwahhlu 'snaps'.

3. Kull gakketta li tigi processata ikollha 'self-adhesive label' zghir b'numri li jindikaw id-daqs tal-gakketta, n-numru tal-bundle jew kaxxa u l-kwantita ta' ggieket fil-bundle jew kaxxa. Dan il-label jitwahhal fuq il-gakketta fil-bidu nett tal-process ta' manifattura u jibqa' fuq l-istess gakketta sal-ahhar. Ma hemm l-ebda dubju li l-labels fuq iz-zewg ggieket inkwistjoni kienu jindikaw li dawn ghaddew minn taht idejn l-appellanta.

4. Qabel ma jitwahhlu snaps fuq gakketta jigi ndikat il-post fejn ghandhom jitwahhlu b'mod li hu difficli li wiehed iwahhal snap f'post hazin. Wara li jigu imwahhla l-snaps il-ggieket imorru ghand il-presser jew ghand it-trimmer imbaghad ghand ic-checker u wara jigu ppakjati.

5. Ix-xoghol hazin fil-ggieket in kwistjoni jidher li nstab mill-presser Jimmy Debono xi d-9.00 a.m. ftit qabel il-break (hemm xi diskrepanzi bejn ix-xhieda pero' jidher li dan kien il-hin anke minn dak li ntqal fl-istatement of case tal-kumpanija). Debono rraporta lis-supervisor Marika Portelli li rraportat lil production manager Maurice Debattista li mbaghad rraporta lid-Direttur is-sur George Eutermoser. Sussegwentement il-management ikkonfronta l-appellanta u saqsiet ukoll xi domandi lil Clive Welch li

kien ukoll qed iwahhal l-isnaps.

6. L-appellanta ma nnegatx li l-labels fuq il-ggieket kienu jindikaw li dawn gew minn 'bundle' taghha izda baqghet dejjem tinnega li kienet hi li ghamlet dan ix-xoghol hazin. Irrizulta wkoll illi fil-fabbrika gieli kien ikun hemm tfal jilghabu anke bil-ghodod li bihom jitwahhlu l-isnaps.

7. Il-'label' jindika 'bundle' li kien tlesta l-ewwel xoghol fil-ghodu u cioe' xi s-7.20 a.m. u wara dan il-bundle ttiehed hdejn il-pressers. Minn fejn kienet l-appellanta huwa mpossibli li tara l-post fejn tqieghdu l-'bundles' vicin il-pressers.

8. Mir-records tal-kumpanija appellata ma nstabx illi xi darba kellha xi charge jew warning. Ma tirrizulta ebda indikazzjoni ta' kondotta hazina.

III KONSIDERAZZJONIJIET

Dan il-kaz jirrizolvi ruhu f'kwistjoni ta' provi u cioe' jekk il-kumpanija appellata fuq il-fatti fuq imsemmija kienet gustifikata biex tkecci l-appellanta. Fl-apprezzament tal-fatti t-Tribunal zamm quddiem ghajnejh zewg principji fondamentali u cioe':

(1) il-principju "Probatio incumbit ei qui decit non ei qui negat" u cioe' l-oneru tal-prova taqa' fuq min jallega u mhux min jichad. Il-fatt li l-appellamta ppromoviet il-kaz huwa immaterjali. Hija l-kumpanija li kecciet lill-appellanta u biex ghamlet dan allegat u qed tallega certu fatti. Hija l-kumpanija li trid isostni l-allegazzjoni

taghha bil-provi. L-appellanta qed tichad l-allegazzjoni tal-kumpanija u m'huwiex logiku u lanqas m'huwa ekwu u gust li l-appellanta tigi imgieghla tipprova fatt negattiv. Ara fuq dan il-punt Decizjoni Nru. 318 John Azzopardi u Comino Holdings Ltd. u 'Termination of Employment' (page 43) ta' Robert Upex.

(2) il-principju li t-tkeccija mill-impieg hija mizura drastika u harxa li ghandha tigi uzata biss wara konsiderazzjoni serja u bir-reqqa tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan kif gie ritenut diversi drabi minn dan it-Tribunal.

Wara li ezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal ma jhossx li hemm prova sufficjenti li x-xoghol hazin sar mill-appellanta. L-unika prova li hemm kontra l-appellanta hija li l-labels kienu jindikaw 'bundle' li ghadda minn taht idejha. Pero' fic-cirkostanzi kien possibli li label seta' nqala u twahhal minn haddiehor fuq xoghol li ma kienx tal-appellanta, jew li is-snaps twahhlu minn haddiehor fuq xoghol tal-appellanta. Inoltre l-appellanta anke 'a tempo vergine' baqghet dejjem isostni l-istess verzjoni ta' fatti. Ghandu jigi osservat ukoll li normalment minn jitfa gebla jahbi idu. F'dan il-kaz l-appellanta kienet taf li x-xoghol taghha kien ser imur ghand il-presser, ghand it-trimmers, ghand ic-checkers u fl-ahhar ghand il-packers. M'huwiex vero simili li hi ghamlet dawk is-snaps intenzjonalment meta kienet taf li kwazi cert ser tinqabad. Inoltre ma jidhirx li l-appellanta kellha xi tghid jew inkella kellha xi problemi mal-kumpanija; tant hu hekk li la qatt kellha charge u lanqas warning, fatt li jsahhah il-kredibilita' tal-verzjoni tal-fatti tal-appellanta.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal ihoss li t-tkeccija mill-impieg tal-appellanta kienet wahda ngusta.

## IV KUMPENS

It-Tribunal wara li ha inkonsiderazzjoni li l-appellanta **regghet** bdiet tahdem fl-31 ta' Awissu, 1988 u wara li ha inkonsiderazzjoni l-paga, il-bonus, u l-kontribuzzjoni tas-sigurta nazzjonali jillikwida l-kumpens dovut lill-appellanta bhala rizultat tat-tkeccija ngusta fl-ammont ta' tlett mija, tnejn u ghoxrin lira u seba' u sittin centezmu (LM322.67,0).

## V DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li tkeccija mill-impieg tal-appellanta da parti tal-kumpanija appellata kienet ingusta, jillikwida l-kumpens dovut fl-ammont ta' tlett mija, tnejn u ghoxrin lira u seba' u sittin centezmu (LM322.67), jordna li l-kumpanija appellata thallas lill-appellanta din is-somma bhala kumpens kif ukoll li l-appellanta tinghata certifikat nadif tas-servizz taghha mal-kumpanija appellata.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Drittijiet li jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) **maghmula** taht l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali it-Tribunal qed jintaxxa ghal kull wiehed miz-zewg persuni li dehru ghall-partijiet id-drittijiet fis-somma ta' erbghin lira (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

RICHARD CAMILLERI
CHAIRMAN

ALDO TESTONE
SEGRETARJU

/ms